KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 86

**Il-Ħamis 20 ta' Diċembru 2018**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel Attard ppresjeda l-laqgħa.

## 86.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

86.1.1 Is-SE qrat ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Bugeja. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

86.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ipppreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

86.2.2 Il-Kunsillier Fenech propona li dawn jiġu approvati filwaqt li l-Kunsillier Mifsud issekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 86.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

86.3.1 Is-Sindku informa li l-attivitajiet tal-Milied kienu marru kollha tajjeb pero' kellna nħassru l-attività tat-tfal minħabba nuqqas ta' konkorrenza.

86.3.2 Hawnhekk issemmiet il-problema tad-dekorazzjonijiet tal-Milied li din is-sena minħabba li numru ta' toroq kienu qed ikunu mitfija b'mod regolari. Is-SE infurmat li l-kuntrattur kien qed jgħid li dawn qed jintfew minħabba r-riħ u għaldaqstant kien qed jitlob li jiltaqa' mal-Kunsill sabiex isir ftehim li jkun jaqbel għaz-zewġ partijiet fejn minflok jinxtegħlu s-siġar tinstab alternattiva oħra.

86.3.3 Is-Sindku staqsa lis-SE jekk hux possibbli li jkun hemm wifi spot fi Triq l-Anzjani. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lill-MCA.

86.3.4 Is-Sindku fakkar lis-SE dwar ir-rapport dwar l-ATM tal-bank.

## 86.4 Evalwazzjoni tal-offerta tar-Restawr tal-Arloġġ (MTFLC/T/002/2018 - *Reissue*)

86.4.1 Is-SE infurmat li l-bord tal-evalwazzjoni kien qabel li jkun hemm ukoll il-Perit Jennifer Busuttil, esperta fuq ir-restawr, sabiex tgħin fil-lat tekniku tal-evalwazzjoni u l-aġġudikazzjoni. Sadanittant il-bord kien innota xi nuqqasijiet u għaldaqstant kienu ntalbu l-kjarifiċi mingħand is-*suppliers* differenti.

86.4.2 Is-SE infurmat li kienet se terġa' ttella' dan l-item fuq l-aġenda li jmiss.

## 86.5 Punti oħra

86.5.1 Is-SE infurmat li kienet ippubblikat l-offerta għall-knis fil-lokalità. Kien hemm qbil li l-bord tal-evalwazzjoni jkun magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Fenech u l-*accountant* tal-Kunsill.

86.5.2 Kien hemm qbil li l-Kunsill jissieħeb fil-Group Health Insurance li ġiet offruta mill-AKL.

86.5.3 Is-SE infurmat li l-proġett għan-network of town ma ġiex aċċettat. Kienet saret applikazzjoni oħra fl-istess zmien, dik għal skambju ta' zgħazagħ u għaldaqstant għad fadal nistennew ir-rizultat tagħha.

86.5.4 Is-SE infurmat li TM ma kinitx aċċettat it-talba tal-Kunsill sabiex isiru parkeġġi fi Triq l-Imtarfa. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa biex il-perit jibdel l-angolu tal-parkeġġi u terġa' tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

## 86.6 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

86.6.1 Il-Kunsillier Mifsud informa li l-festival tal-korijiet kien intlaqa' tajjeb ħafna. Sadanittant fl-Imtarfa kien ġie kor minn Sardinja.

86.6.2 Il-Kunsillier Mifsud informa li nhar l-20 ta' Jannar kienet se tiġi organizzata *Triathlon* mat-tnax-il lokalità fir-Reġjun inkluz l-Imtarfa.

86.6.3 Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud prezenta rikordju tal-festival tal-korijiet lis-Sindku.

## 86.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

86.7.1 Is-Sindku talab lill-Kunsill u lis-SE sabiex jistennew risposta mis-sottokumitat fir-rigward tal-pagament ta' zewġ kontijiet li jirrigwardjaw Military Mtarfa. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu approvati kif inhuma u kemm-il darba jkun hemm tibdil fl-ammont, is-SE kellha tibgħat tinforma lill-Kunsill bit-tibdil.

86.7.2 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Vella propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Mifsud issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 86.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

86.8.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 24 ta' Jannar 2019 fis-6:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 24 ta' Jannar 2019.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |